**352. Il-Ministru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali, l-Onor. Freddie Micallef, jipproponi:**

Billi skont is-subartikolu 18 tal-artiklu 25 tal-Att tal-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg, id-dipożizzjonijiet tas-subartikoli (15), (16) u (17) ta' dak l-artikolu għandhom jibqgħu iseħħu sal-31 ta' Diċembru, 1986; iżda jekk fi żmien li d-dispożizzjonijiet ta' dawk is-subartikoli li jkunu fis-seħħ il-Kamra tad-Deputati tgħaddi riżoluzzjoni illi dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jibqgħu jseħħu għal żmien ieħor miż-żmien li xort'oħra jintemm, l-istess dispożizzjonijiet għandhom jibqgħu fis-seħħ għal dak iż-żmien ieħor.

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-imsemmijin dispożizzjonijiet ikomplu fis-seħħ għal żmien ta' sena oħra sal-31 ta' Diċembru, 1987.

23.12.86